# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

## Illum, 3 ta' Gunju 2019

## Il-Pulizija
## (Spettur Trevor Micallef)
## vs
## Omissis 1

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis 1.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar l-1 ta' Settembru 2016 u/jew fil-granet ta' qabel, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Omissis 2.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz sfortunat li jirrigwarda l-mewt ta' certu Omissis 2, nhar l-1 ta' Settembru 2016 meta kellha sitta u hamsin sena, fit-taqsima ta' l-emergenza f'l-isptar Mater Dei. Peress li Omissis 2 ma kenitx ilha aktar minn erbgha u ghoxrin siegha rikoverata l-isptar u ma setghetx tigi certifikata l-kawza tal-mewt, kellha tinzamm inkjesta biex tigi stabbilita l-kawza tal-mewt[1].

Illi r-ragel tad-decujus, Omissis 3, xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti[2]. Huwa jispjega li fit-28 ta' Awissu 2016, kien il-Hadd, martu nizlet il-bahar pero irritornat id-dar ghaliex ma kenitx qed thossha sew; kienet ghajjiena hafna, bdiet tistordi u taqta' nifisha. L-ghada, it-Tnejn, marret ghand it-tabib, cioe l-imputat. Omissis 3 spjega li huma kienu jirrikorru ghand zewg tobba; l-imputat u certu Omissis 4[3]; dak in-nhar martu marret ghand l-imputat. Meta rritornat id-dar hija qalet lil zewgha li t-tabib qallha li ghandha *muscle pain* u li qallha biex tiehu panadol. Omissis 2 kompla jghid li l-ghada, it-Tlieta, martu qamet hazin: din id-darba bdiet tilmenta b'ugiegh fi spallietha u kellha pressjoni baxxa u *heart beat* gholja[4]. Cemplu lill-imputat li mar id-dar ghandhom tard fil-ghodu jew kmieni wara nofs in-nhar. Lill-imputat infurmawh li martu (cioe mart ix-xhud) kienet qed thoss ugiegh fi spallietha, kellha qtugh ta' nifs u sturdamenti; l-imputat preskriva certu pilloli: Arcalion. Aktar tard dak in-nhar, it-Tlieta fil-ghaxija, martu telghalha id-deni u regghet cemplet lill-imputat u  ftehmu li kellu jerga jmur jaraha l-ghada. Fil-fatt l-ghada fil-ghodu, l-Erbgha, meta kienet ghada qed tbati mill-istess sintomi, l-imputat mar jinvistaha. Omissis 2 jghid li martu kienet qaltlu li hija kellha ukoll tferfir f'qalbha pero lit-tabib qaltlu li kellha ugiegh f'sidirha. Omissis 2 ghalhekk, u anke minhabba li martu kienet tbaghti ukoll minn ansjeta, talabha tikkjarifika jekk kenitx qed thoss tferfir jew ugiegh; Omissis 2 baqa ma qalx kif kienet irrispondiet martu. Jghid ukoll li huwa qal lill-imputat li qabel ma jaghtiha xi *antibiotics* mhux ser jghaddilha; qallu

[1] L-atti ta'l-inkjesta jiffurmaw parti mill-proceduri odjerni; huma esebieti a fol 11 et seq tal-process.
[2] Depozizzjoni a fol 21 et seq.
[3] Omissis 4 gie prodott bhala xhud pero huwa jghid li ghalkemm kien jafha lil Omissis 2 hija ma kenitx pazjenta tieghu u invista biss dak in-nhar li mietet.
[4] Omissis 2 spjega li huma kellha magna li biha tista ticcekkja l-pressjoni u kienu jaghmlu hekk kuljum.

hekk lill-imputat ghax martu kienet temmen hafna f'l-*antibiotics*. Omissis 2 ma qalx x'ippreskriva jew x'qallhom l-imputat dak in-nhar. Omissis 2 kompla jispjega li matul il-lejl bejn l-Erbgha u l-Hamis martu bdew jaqbduha l-fwawar u bdiet tghereq. Il-hamis qamet l-istess ghalhekk cemplu lit-tabib l-iehor: Omissis 4; dan mar ghandhom ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghodu. Meta wasal iccekjalha il-pressjoni u qallhom li "*din sptar*"; cemplu ghall-ambulanza u haduha l-isptar. Meta Omissis 2 wasla l-isptar[5] martu kienet fuq xi magni u t-tabiba ta'l-emergenza kienet qed tkellimha. F'hin minnhom martu gholliet rasha (kienet qed tkellem lit-tabiba dak il-hin) u mietet. It-tobba pruvaw hafna jqajjmuha imma ma rnexxielhomx. Omissis 2 zied li bhala familja kienu ilhom snin jinqdew b'l-imputat u Omissis 4 bhala tabib tal-familja.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju ssir referenza ghall-kostatazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet ta'l-esperti nominati f'l-atti ta'l-inkjesta: il-Professur Marie Therese Camilleri Podesta u Dr Ali Salfraz, u ghad-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti, qabel ma ssir referenza ghax-xhieda l-ohra prodotta.

Illi fil-parti kongunta tar-relazzjoni taghhom[6] l-imsemmija esperti ikkonkludew li *the cause of death of this middle aged female is certified as being due to natural causes namely pneumonia and acute myocardial infarction.*[7] L-inkjesta kompliet titmexxa fuq il-presuppost li dik kienet il-kawza tal-mewt.

Illi pero meta l-imsemmija esperti xehedu quddiem din il-Qorti[8] huma ghamlu kjarifiki importanti hafna. Huma spjegaw li fil-fatt ghalkemm kien hemm kongestjoni fil-pulmun, fatt li gie konfermat mill-*histological examination*, fil-verita ma kienx hemm sinjali ta' *pneumonia*. Huma spjegaw li waqt l-awtopsija rrizulta li l-pulmun deher *heavy and congested*, mbaghad sar il-*histo-pathological examination*[9], cioe verifika bil-mikrospokju, u irrizulta li ghalkemm kien hemm *congestion* ma kien hemm l-ebda sinjal ta'

---

[5] Hu ma marx ma martu f'l-ambulanza ghaliex marret binthom.
[6] Ir-relazzjoni hija esebieta bhala Dok MCAS a fol 27 et seq.
[7] L-ahhar paragrafu a fol 28.
[8] Depozizzjoni a fol 102 et seq.
[9] Din issir minn Dr Salfraz wahdu, pero ir-rizultat jifforma parti integrali mir-rapport kongunt (ref fol 29).

*pneumonia*. Huma spjegaw ukoll li l-*congestion* kienet rizultat ta' demm li jingabar fil-pulmun minhabba li l-qalb tieqaf tahdem. Jkun opportun li jigu riprodotti xi partijiet mid-depozizzjoni ta'l-esperti.

Illi fil-fatt il-Professur Camilleri Podesta tghid li *when the histology was carried out the acute myocardial infarcion was confirmed but in the lungs there was no evidence of pneumonia, there was only congestion. ........ Congestion would mean there is a lot of blood .... which would make it heavy, which was the finding we had but there was no evidence of infection or pneumonia....if there was an acute myocardial infarction it means part of the heart does not function well and so there is a backlog on the heart and the lungs get full of blood*.[10] Dr Salfraz da parti tieghu jghid li *if there was pneumonia I would definitely have seen it*[11].

Illi sfortunatament waqt l-inkjesta l-Magistrat Inkwirenti ma kellhiex il-beneficju ta' din il-kjarifika. Ghalhekk meta issejjah biex jixhed Omissis 4, dejjem waqt l-inkjesta, sarulu hafna domandi bazati fuq il-presuppost li l-kawza tal-mewt ta' Omissis 2 kienet *pneumonia*.

Illi Omissis 4 xehed mhux biss quddiem il-Magistrat Inkwirenti[12] imma anke quddiem din il-Qorti[13]. F'l-ewwel depozizzjoni tieghu Omissis 4 qal li Omissis 2 ma kenitx pazjenta tieghu imma kien jafha ghaliex kienet qed trabbi lit-tifel ta' huhha u gieli hadet lil dan in-neputi ghandu; jghid ukoll li kien ilu ftit ma jaraha. Jispjega li f'l-ewwel ta' Settembru (2016) cempel ir-ragel ta' Omissis 2 u hu mar ghandhom wara ftit minuti. Huwa sab lil Omissis 2 *fully concsious*, u titkellem normali; spjegatlu li kienet ilha xi erbat ijiem bi dwejjaq f'sidirha, u qtugh ta' nifs illi ggrava bil-mod l-mod. Dak in-nhar fil-ghodu qamet biex tmur it-*toilet* pero kkollassat u zewgha kellu jerfaghha u johodu lura fis-sodda. Waqt li kienet qed titkellem ix-xhud zamm idejh fuq idejn Omissis 2 biex jiehu l-polz; dan kien hazin immens, kemm kemm jinhass, tant li x-xhud ha qata'. Huwa hadilha l-pressjoni ukoll

[10] Minn fol 103 sa 104.
[11] A fol 106; huma hemm qed jirreferi ghar-rizultanzi tal-histology.
[12] Depozizzjoni a fol 76 et seq.
[13] Depozizzjoni a fol 150 et seq.

u cempel mill-ewwel ghall-ambulanza fil-waqt li ghamel "*ticket of referral*" ghaliex il-polz kien jindika li l-qalb kienet ghajjiena u li waslet f'l-ahhar. Aktar tard dak in-nhar cemplulu mill-emergenza biex jinfurmawh li l-pazjenta li kien baghat kienet mietet. Dan ix-xhud spjega li meta huwa invista lil Omissis 2 il-pressjoni kienet baxxa hafna tant li s-*systolic blood pressure* kienet *sixty*. Huwa spjega ukoll li fil-fehma tieghu dawk is-sintomi kienu pjuttost ricenti u zviluppaw matul il-lejl ghaliex sal-gurnata ta' qabel Omissis 2 kienet ghada fuq saqajha. Ix-xhud jiccara li hu ma kienx jaf kif kienet Omissis 2 fil-granet ta' qabel, li jaf li hija lmentat li kienet ilha xi tlett ijiem ma jhossiex tajjeb bin-nifs mhux tajjeb; hu assuma li marret ghall-aghar matul il-lejl u ghalhekk cemplu lilu. Huwa kompla jispjega li *pneumonia* hija infezzjoni fil-pulmun u fil-fehma tieghu m'hiex kundizzjoni li tista twassal ghall-mewt mill-llum ghall-ghada; aktar minn hekk normalment hija kundizzjoni li jekk tigi trattata ma twassalx ghall-mewt. Is-sintomi ta' *pneumonia* huma deni, qtugh ta' nifs u thossok gurnata wara l-ohra sejjer ghall-aghar. Kompla jzied li meta issir dijanosi ta' *pneumonia* generalment il-pazjent jintbaghat l-isptar ghax ikollu bzonn *antibiotics* fid-*drip*. Ix-xhud zied li ghalkemm Omissis 2 ma kenitx pazjenta tieghu huwa kellu l-impressjoni li kienet tiehu xi kalmanti[14] u li kienet tpjejjjep hafna.

Illi meta xehed quddiem din il-Qorti Omissis 4 ikkonferma li ghalkemm kien jafha, id-decujus ma kenitx pazjenta tieghu. Huwa specifika ukoll li meta invista lil Omissis 2 ma irrizultalux li kellha *pneumonia*; hija kienet in *cardiogenic shock*, l-polz ma jinhassx u l-pressjoni prattikament *unrecordable*; hu ma kienx jaf ghalfejn garalha hekk. Huwa zied ukoll li hu ma kienx jaf li Omissis 2 kellha *pneumonia* imma kienu  l-pulizija li qalulu li kellha *pneumonia*. Qal ukoll li minn dak li kkonstata waqt l-ezami kliniku li ghamel lil Omissis 2 ma rrizultalux x'seta' kien wassal ghall-istat li huwa sabha fih ghaliex il-possibilitajiet kienu hafna, pero l-ewwel ipotezi li giethu f'mohhu kienet attakk tal-qalb. Zied ukoll li fil-mument li huwa kien qed jaghmel l-ezami kliniku taghha Omissis 2 kienet kompletament lucida, titkellem normali, pero kienet pallida hafna u kienet minduda fis-sodda.

[14] Dan ghaliex darba kienet talbietu xi *repeat prescription*.

Illi quddiem din il-Qorti tressaq bhala xhud Dr Conrad Borg, konsulent fid-dipartiment ta'l-emergenza ta'l-isptar Mater Dei[15]. Huwa spjega li Omissis 2 iddahhlet l-isptar ghall-habta tal-hdax neqsien seba' minuti u meta kienet fit-*triage* hassha hazin u ittiehdet dritt fir-*resuscitation room*; qalbha kienet waqfet, kienet in CPR u nbeda l-process li jghidulu ALS[16]. Skond l-informazzjoni li nghataw mill-familjari taghha Omissis 2 kienet ilha xi jumejn "*feeling unwell*", kellha pressjoni baxxa u kellha ugiegh f'darha; fil-lejl ta' qabel ir-rikoveru taghha kienet qed tilmenta minn qtugh ta' nifs, tferfir fil-qalb u xi ftit deni. Dr Borg spjega x'kura inghatat lill-pazjenta u qal ukol li f'hin minnhom rega gie il-polz, pero regghet iddeterjorat u l-qalb regghet waqfet. Minkejja dan komplew bis-CPR ghal hin twil il-qalb baqghet ma rrispondietx ghalhekk f'nofsinhar neqsin ghaxar minuti iddikjarawha mejta lil Omissis 2. Dak il-hin is-susspett kien li hija mietet minhabba li l-qalb kienet ghajjiena u seta' kien hemm attakk tal-qalb. Minhabba li s-susspett ta' attakk tal-qalb ma setghax jigi ikkonfermat mal-*medical history* ta' Omissis 2, kellha ssir awtopsija biex tigi stabbilitat l-kawza tal-mewt. Dwar is-sintomi ta' attakk tal-qalb Dr Borg jghid li sintomu klassiku huwa ugiegh fis-sider u possibilment f'l-id ix-xellugija u anke tgherq, imma jista' jkun hemm varjazzjonijiet ta' dawn is-sintomi. Dwar kemm ikunu ilhom jipprezentaw is-sintomi jghid li attakk tal-qlab jista' joqtol minghajr l-ebda sintomu ta' xejn u jista' jkollok sintomi li jkunu ilhom aktar li bdew jipprezentaw. Qal ukoll li ghajja u "thossok ma tiflahx" huwa sintomu vag wisq u jista' jkun kollox minn  rih sa attakk tal-qalb.

Illi xehed PS 1543 Oliver Cassar[17] u kkonferma li l-pulizija talbet lill-Magistrat Inkwirenti biex issir inkjesta minhabba li ma jkunux lahqu saru it-testijiet medici u t-tabib ta'l-isptar ma kienx cert mill-kawza tal-mewt. Kien huwa li rrediga l-*current incident report* dwar il-kaz[18] u kien hu li nizzel f'dan ir-rapport li skond l-awtopsia il-kawza tal-mewt giet stabbilita bhala *pneumonia* (meta fil-verita r-rapport kien jghid *pneumonia and acute myocardial infarction*).

---

[15] Depizzjoni a fol 128 et seq.
[16] Advanced Life Support.
[17] Depozizzjoni a fol 116 et seq.
[18] Esebit a fol 4 et seq.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li f'l-1 ta' Novembru 2018 l-parte civile talab in-nomina ta' "*espert tekniku sabiex jirrelata fuq dawn il-fatti ossija sabix jigi stabbilit jekk b'l-informazzjoni rigward is-sintomi li l-imputat gie riskontrat bihom setghax jipprevedi l-mewt ta' Omissis 2 u jekk fil-pozittiv x'kura kellha tigi somministrata*". L-imputat oppona ghal din it-talba permezz ta' risposta datata 21 ta' Novembru 2018. F'l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2018 xehdu Dr Conrad Borg u Omissis 4 u saru sottomissjonijiet dwar it-talba ghan-nomina ta' espert. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Jannar 2019 ghal provvediment dwar din it-talba u ghall-kontinwazzjoni tal-provi. F'dik l-udjenza pero, u cioe tal-21 ta' Jannar 2019, deher l-avukat tal-parte civile li informa l-Qorti li l-parte civile kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli u li kien qed jirtira t-talba ghan-nomina ta' espert. F' dik l-istess udjenza l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi u ddikjarat li ma kellhiex provi ohra x'tipproduci.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija[19] u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti[20].

Illi f'l-istqarrija l-imputat spjega li Omissis 2 kienet ilha pazjenta tieghu minn Awissu tas-sena 2013. Meta marret ghandu fid-29 ta' Awissu 2016 Omissis 2 ilmentat b'ugigh f'ghonqha u spallietha. Peress li l-ugigh kien lokalizzat huwa ikkoncentra l-ezami kliniku fuq dak il-post; l-ugigh kienet qed thossu meta thares 'l fuq u meta iccaqlaq spallejha, ugigh li hija ddeskrivit bhala hruq. Aktar minn hekk hija bdiet twegga meta jghafas. Minn dan l-ezami kliniku, minhabba li huwa kien jaf lil Omissis 2 bhala persuna li diga kienet tiehu kura ghall-*osteoporosis*, minhabba li kienet tghix f'appartament fejn ma kienx hemm *lift* u l-garr tas-*shopping* u t-tindif ta' kuljum kien ta' strapazz u *strain* ghal spallejha, u minhabba li kien hemm ukoll probabilita ta' artrite fil-kolonna cervikali, l-imputat kien kunfidenti li l-ugigh kien nevralgija cervikali u *strain* fil-muskoli. Huwa preskriva panadol fid-doza normali cioe tnejn kull sitt sieghat. Dan jidher li kien effettiv ghaliex meta marret l-ghada ma semmietx ugiegh f'ghonqha. L-

19 Dok TM1 a fil 34.
20 Depozizzjoni a fol 61.

imputat kompla jispjega li  l-ghada, u ghalhekk fit-30 ta' Awissu, intalab imur jinvista lil Omissis 2 d-dar. Meta mar kienet bil-qeghda fil-kcina liebsa hwejjeg normali u mhux pyjama. Dak in-nhar l-ilment taghha ma kienx wiehed specifiku imma xi haga vaga: weakness; l-imputat ghalhekk firex l-ezami tieghu. Huwa saqsiha jekk kellhiex deni, soghla, ugigh, vomitting, diarea, hruq f'l-awrina, jew sintomi ohra biex jara x'setghet kienet il-kawza pero ma rrizulta xejn; huwa iccekkjalha sidirha, grizmejha, il-polz u l-pressjoni; *tachycardia* ma kienx hemm, u l-unika haga li rrizultat minn dan l-ezami kliniku kienet pressjoni baxxa (95\60). Dak in-nhar l-imputat naqqas id-doza tal-pilloli tal-pressjoni li kien ippreskrivihielha f'Marzu ta' qabel bi-nofs, u ppreskrivielha Arcalion minhabba n-nuqqas ta' energija. L-ghada u cioe fil-31 ta' Awwissu l-imputat rega' ntalab imur jinvista lil Carunana d-dar. Issa kien hemm sintomu gdid fis-sens li kellha ftit deni u bdiet thoss il-bard. Gie nfurmat li matul il-lejl id-deni kien 100 pero fil-hin ta'l-ezami kien 98.6; fil-pulmun u l-grizmejn ma kien hemm xejn. Kull ma seta jikkonstata kien polz daqsxejn mghaggel: kien 84 beats per minute, u l-pressjoni kienet ftit baxxa: 90/60. Ma kien hemm l-ebda sintomu iehor. L-imputat spjega li Omissis 2 kienet mara anzjuza u tiehu l-kalmanti[21] u sintomi bhal ghajja u nuqqas ta' forza huma relattivament komuni f'persuni anzjuzi. Huwa bhala parti mill-kura kien jassigura li ma kull vista jassiguraha li m'ghandha xejn gravi. Dak in-nhar qallha biex jekk jinqala xi haga gdida tghidlu. L-ghada, l-1 ta' Settembru 2016 ghall-habta tas-6.30pm sar jaf li Omissis 2 kienet mietet; dan sar jafu ghax qalulu xi hbieb taghha li jkunu f'bar vicin il-klinika tieghu. L-imputat hassu immensament ixxukjat b'din l-ahbar u beda jahseb x'seta' gara ghaliex meta kien invistaha hu ma rriskontra xejn li seta' jwassal ghad-decess taghha. Malli sar jaf b'din l-ahbar l-imputat cempel lir-ragel ta' Omissis 2 li, ghalkemm inkwietat, ma kienx aggressiv jew pastazz fil-konfront tieghu u kellmu normali; ma qallux pero li kienu gabu tabib iehor. F'din il-konverzazzjoni Omissis 2 qal lill-imputat haga li d-ducujus ma kenitx qaltlu u cioe li kienet hasset ugigh f'sidirha u ixxarbet b'l-gharaq. Ma rega' sema xejn aktar dwar dan il-kaz qabel ma baghatu ghalih il-pulizija u irrilaxxja l-istqarrija, cioe fit-3 ta' Marzu 2017. Rinfaccjat b'dak li kien ikkonstata Omissis 4 meta mar jinvista lil Omissis 2 f'l-1 ta' Settembru 2016

[21] Kienet ilha tohodhom minn qabel ma bdiet tuza is-servizzi ta' l-imputat bhala tabib tal-familja.

l-imputat insista li meta huwa invista lil Omissis 2 l-istampa klinika kienet differenti. Huwa spjega ukoll li l-istampa klinika tista tinbidel f'gurnata u fil-kamp mediku jezisti l-kuncett ta' *watchful waiting*, pero ikun hemm minn ikollu l-impressjoni li, f'dan il-perjodu ta' *watchful waiting*, ghax it-tabib ma jaghmel xejn mhux tajjeb. Kompla biex jaghti ezempju li attakk tal-qalb jista' joqtlok f'nofs siegha. L-imputat ikkonkluda l-istqarrija billi spjega li meta ma jkunx hemm sinjali klinici t-tabib irid iserrah hafna fuq l-istorja li tirrakkonta l-pazjent; xtaq li kien hemm xi sintomu li seta' jghinu pero ma kienx hemm. L-imputat ta lill-ufficjal prosekutur in-notamenti li huwa kien zamm fir-rigward ta' Omissis 2 kif ukoll xi letteratura u ricerka dwar il-pulmonite.

Illi meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-imputat spjega li (dak in-nhar) huwa kien ilu jipprattika l-professjoni ta' tabib ghal sitta u erbghin sena u kkonferma b'gurament l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-ufficjal prosekutur. Dak in-nhar li huwa iddepona quddiem il-Magistrat Inkwirenti (f'l-1 ta' Settembru 2017) huwa gie infurmat li l-kawza tal-mewt kienet *pneumonia and acute myocardial infarction*. Mgharraf hekk l-imputat ikkonferma li l-ugiegh f'l-ghonq ma kellu x'jaqsam xejn mad-decess ta' Omissis 2. Dwar s-sintomi l-ohra: l-ghajja u l-pressjoni baxxa l-imputat jghid li l-intervent tieghu kien ta' ghajnuna ghaliex hu naqqsielha l-pilloli tal-pressjoni[22] u ta xi haga biex taghtiha energija. Izied li ma kull telefontata huwa irrisponda mill-ewwel fis-sens li mar jara lil Omissis 2 immedjatament wara t-telefonata. Zied ukoll li kieku Omissis 2 prezentat l-istess kwadru kliniku li sab Dr Omissis 4 huwa ukoll kien jibghatha l-isptar; pero l-stampa kienet kompletament differenti meta invistaha hu. Huwa kompla jispjega li pulmonita tista' tkun silenzjuza u tizviluppa bil-mod il-mod fil-waqt li attakk tal-qalb akut huwa haga ta' malajr, toqlok zoptu, ma ddumx hamsa u ghoxrin siegha, ghax tieqaf il-qalb u dak li jkun jaqa' f'l-art. Meta mbaghad[23] gie infurmat li Omissis 2 kienet ikkollassat, ittiehdet l-isptar u mietet wara ftit sieghat, l-imputat kompla jikkonferma l-hsieb li bil-fors kient xi haga ta' malajr, attakk ta-qalb akut kmieni fil-ghodu, issejjah Dr Omissis 4 li sab lil Omissis 2 f'dak l-istat u baghatha l-isptar. Mistoqsi dwar

[22] Pilloli li jbaxxu l-pressjoni
[23] Waqt dik l-istess depozizzjoni

meta l-pressjoni tkun tali li timmerita rikoveru f'l-isptar l-imputat qal li pressjoni ta' fifty jew sixty jikkunsidra serja hafna pero Omissis 2 ma kellhiex dak il-livelli meta invistaha hu; jghid li meta l-pressjoni ta' fuq tkun anqas minn sebghin rikoveru jkun opportun. Mistoqsi dwar il-pulmonite spjega li tista' tibda b'mod silenzjuz pero jekk ma tikkurahiex taggrava. Meta taqbadha fil-bidu nett tista' tikkuraha id-dar u l-pazjent jibqa fuq saqajh (*walking pneumonia*); jekk ma tittrattahomx fuq perjodu ta' gurnata jew gurnata u nofs is-sintomi jaggravaw. Dwar Omissis 2 rega' insista li ghajr ghal soghla fil-*background* rizultat tal-fatt li hija kienet tpejjep, ma kien hemm l-ebda sintomu iehor li seta' jindika xi haga aktar serja.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat li hemm diskrepanzi fil-verzjonijiet mghotija mid-dversi xhieda dwar x'sintomi kienet qed thoss Omissis 2 fil-granet ta' qabel id-decess taghha. L-unici zewg xhieda li jaqblu huma l-imputat u Dr Conrad Borg. Is-sintomi u l-ilmenti li ddeskriva l-imputat huma bazati possibilment fuq il-memorja pero konfortat bil-noti klinici li huwa jzomm ghal kull pazjent[24]; is-sintomi kif deskritti mill-imputat huma bazati fuq dak li kienet tghidlu Omissis 2 stess. Dr Borg semma dawk is-sintomi u ilmenti li gew infurmati bihom f'l-isptar mill-qraba li kienu qed jakkompanjaw lil Omissis 2 meta ttiehdet l-isptar. Mill-verzjonijiet mghotija l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taccetta dak li qalu l-imputat u Dr Borg dwar dak li kienet qed tilmenta dwaru Omissis 2, mhux biss ghaliex il-verzjonijiet taghhom jaqblu imma anke tenut kont tac-cirkostanzi li fihom iz-zewg xhieda gew a konjizzjoni ta' dak li xehedu dwaru[25].

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn l-proceduri l-imputat qed jigi addebietat b'l-omicidju involontarju ta' Omissis 2 u dan ai termini ta'l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9

[24] In-noti relattivi ghal Omissis 2 kienu prezentati f'l-atti ta'l-inkjesta.

[25] Wiehed lanqas ma jista jinsa li Omissis 2 kien skorret anke f'aspetti ohra tad-depozizzjoni tieghu partikolarment meta qal li Omissis 4 kien it-tabib tal-familja taghhom b'l-impikazzjoni li dan it-tabib kien it-tabib kuranti ta' martu meta Omissis 4 xehed li, ghalkemm kien jafha, Omissis 2 qatt ma kienet pazjenta tieghu u l-ewwel darba li invista kienet il-gurnata tad-decess taghha.

tal-Ligijiet ta' Malta. It-tezi tal-prosekuzzjoni hi li l-imputat bi trasguragni jew b'nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghu kkaguna l-mewt ta' Omissis 2.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-ewwel haga li trid tigi stabbiilta hija x'kienet il-kawza tal-mewt ta' Omissis 2 biex mbaghad ikun jista' jigi stabbilit jekk l-imputat ghandux xi responsabbilta ghal dan l-event.

Illi mir-riassunt tal-provi, u b'mod partikolari mid-depozizzjoni ta'l-esperti patologi ghandu jirrizulta li Omissis 2 ma mietitx minhabba li kellha pulmonite (*pneumonia*) imma mietet minhabba attakk tal-qalb (*acute myocardial infarction*). Aktar minn hekk il-kongestjoni li giet riskontrata fil-pulmun waqt l-awtopsija kienet rizultat tad-demm li ingema minhabba li l-qalb waqfet tahdem. L-esperti patologi qalu minghajr  rizervi li ghalkemm fil-paragrafu konklussiv tar-rapport dwar l-awtopsija hemm indikat bhala *cause of death*: *pneumonia and acute myocardial infarction,* fil-verita dan kien zball ghaliex huma ma rriskontraw l-ebda sinjali ta' pulmonite. Meta kienu qed jaghmlu l-awtopsija (meta l-konstatazzjonijiet ikunu dawk li qed jirrizultaw to the *naked eye*) innutaw il-kongestjoni. Meta mbaghad sar l-ezami mikroskopiku fil-waqt li giet konfermata l-kongestjoni ma kien hemm l-ebda sinjal ta' pulmonite; huma fil-fatt ikkonfermaw li tenut kont ta'l-attakk tal-qalb il-kongestjoni tkun rizultat tad-demm li jakkumula fil-pulmun. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li anke Dr Konrad Borg, li taht il-kura tieghu kienet rikoverata Omissis 2 fit-taqsima ta'l-emergenza ta'l-isptar, issusspetta li din mietet minhabba attakk tal-qalb. Huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni minn dak li qalulu l-familjari taghha u minhabba l-kawdru kliniku li giet riskontrat kemm minn  Omissis 4 ftit qabel ir-rikoveru taghha u dak il-kwadru kliniku li gie kkonstatat l-isptar. Omissis 4 ukoll qal fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti li meta huwa ra lil Omissis 2 ma kellhiex pulmonite imma kienet *in cardiogenic shock* u li l-ewwel haga li gietu f'mohhu li setghet grat kien li Omissis 2 kien taha attakk tal-qalb.

Illi tenut kont ta' dan fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li Omissis 2 mietet minhabba li taha attakk tal-qalb; aktar minn hekk lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li hija ma kenitx qed tbaghti minn pulmonite fil-mument tad-decess.

Illi dan stabbilita l-Qorti issa trid tghaddi biex tara jekk l-imputat, f'l-ezercizju tal-professjoni tieghu, kellux xi responsabbilta ghal dan l-event, cioe il-mewt ta' Omissis 2 minhabba attakk tal-qalb.

Ikkunsidrat

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli[26] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ghamlet ezami approfondit tar-reat in ezami anke b'referenza partikolari ghal negligenza professjonali[27].

Illi dik il-Qorti rriteniet li:

> *ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju hu mehtieg li tirrikorri kondott volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew nuqqas ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn event dannus involontarju;.... u ghall-accertament tal-htija minhabba kondotta negligenti ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik tal-"bonus pater familas".Dik il-kondotta cioe li fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza, u sensibbilita normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh f'l-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*

Illi skond dik il-Qorti, applikat ghall-kamp ta' negligenza professjonali, dan il-kuncett jista jigi espress fit-termini uzati minn Eddy: Professional Negligence:

> *A man or a woman who practices a profession is bound to exercise the care and skill of an ordinary competent practioner in that capacity.*

---

[26] Deciza 04.02.1961

[27] Dak il-kaz kien jitratta imputazzjonijiet fil-konfront ta' perit arkitett.

Illi f'din l-istess sentenza intqal kill li:

*Il-kwistjoni ta' l-errur professjonali giet studjata recentament mill-gurista Giovanni Cataneo fit-trattat "La responsabilità del professionista" (ed. Giuffrè, 1958). Fil-kumment ghall-art. 2366 tal-Kodici Civili Taljna, li fuq il-bazi tal-gurisprudenza anterjuri ghal dak il-Kodici jiddisponi illi "se la prestazione implica la soluzione di problemi tecnici di speciala difficoltà il prestatora d'opera non risponde dei danni se non in caso di dolo o di colpa grave", l-awtur l-ewwel (pag. 66) jistabbilixxi l-errur professjonali hekk:- "L'errora professionale ....si ha quando la condotta risulti non obiettivamente data al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenze proprie del buon professionaista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negative, si scopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla può rimproverarsi al professionista, che none era in grado di redersene conto preventivamente". Mbghad (p. 67) jaghmel din l-osservazzjoni: - "Cosi inteso, l'errore, professionale è allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che è causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore professionale viene perciò a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualità, che è invece presente in caso di errore colpevole. Se ciò è vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perchè non aggiunge nulla al concetto di casualità che è lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilità professionale ... Si può solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a seconda che l'esito della attività dipenda, oltre che dall'attività del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone.*

Illi dik il-Qorti kompliet hekk:

> *Din il-Qorti kif presjeduta tilqa' u sejra' tapplika ghall-kaz prezenti dan il-kuncett ta' l-izball professjonali, u hekk minghajr ma tirrikorri ghal ebda kwalifiki f'dan ir-rigward tax-xorta ta'l-izball; u dan precizament biex taghmilha car illi l-attivita professjonali ma tgawdi ebda pozizzjoni specjali quddiem il-ligi penali, u li l-professjonista bhal kull cittadin iehor, ghandu l-obbligu strett li fil-kondotta professjonali tieghu huwa juza skrupolozament ir-rizorsi tieghu kollha skond ma tkun tirrikjedui is-sitwazzjoni. Il-Qorti trid tnehhi kwalunkwe rifless li jista' jittiehed illi mentri ghall-professjonista, biex tigi stabbilita l-htija kolpuza irid jirrizulta zball grossolan da parti tieghu, ghall-kondotta kolpuza ta' haddiehor dan invece mhux necessarju. Aktar milli x-xorta ta'l-izball, huwa l-apprezzament tac-cirkustanzi partikulari tal-fattipsecie, bid-diffikultajiet u relattivitajiet taghhom, li jiggwidaw lil gudikant biex, fuq il-kriterju tal-bonus pater familias, ... huwa jkun jista' jiddetermina jekk in-ness ta' kawzalita bejn il-kondotta u l-event tal-kaz konkret ikunx assodat jew le;*

Illi f'dan is-sens il-Qorti tal-Appell tikkwota wkoll lill-awtur Cogliolo li jippuntwalizza li:

> *Il professionista cioè di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non è fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina.*

Illi dawn il-principji huma riflessjoni ta' dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Giuseppe Debono[28]:

[28] Deciza 04.03.1944.

*Kif jghid opportuntament l-Impallomeni, "Il Codice" – u ghandu jinghad illi d-disposizzjoni tal-Kodici Malta, art. 321 [illum 325], hija koncepita bhall-art. 371 kommentat minn dan l-awtur – "raffigura la colpa nella imprudenza, negligenza, imperizia nella propria arte o professione; e imprudente è colui che non è prudente, non chi non è prudentissimo; imperito chi non è perito, non chi non è peritissimo; occorrerebbero tutti questi superlativi per l'incriminabilità della colpa lievissima". Anki jekk wiehed jiehu l-elementi tal-previdibilità bhala kritejru tan-negligenza, jghid il-Carrara, Progr. Parte Speciale, para. 1095, "quando la prevedibilità era così difficle, così fuori dall'ordinario corso degli umani calculi, che la maggior parte degli uomini non vi avrebbero posto mente, si avranno i termini ontologici della colpa, ma sarà colpa tanto lieve che per gli effetti giuridici dovrà equipararsi al caso: "pro casu fortuito habenda erit………..." Kif josserva wkoll il-Maino (para. 1622) "generalmente s'intende la prevedibilità della commune degli uomini"; u kompla jispjega illi anki jekk kien hemm il-prevedibilità ma hemmx kulpa punibbli meta din il-prevedibilità kienet "condizionata all' esercizio di un riflessione straordinaria".*

Illi sar ezami approfondit dwar negligenza professjonali fil-kamp mediku ukoll mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat[29] Dr Edwina Grima f'sentenza mghotija fit-3 ta' Awissu 2015[30]. Wara li ccitat brani opportuni mis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli, qalet hekk:

*Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk: Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a*

[29]Illum Imhallef.
[30] Kumpilazzjoni numru 1305/2011.

*prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.*

*Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Richard Grech (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.*

*Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."*

Illi dwar r-responsabbilta ta' tabib f'l-ezercizju tal-professjoni medika kompliet hekk:

*Fis-sentenza Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et gie deciz: "Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke' il-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba*

*nuqqas ta' prudenza, dilgenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'."*

*Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta' tat-tabib. Iwiegeb hekk il-Laurent15: 15 Principio di Diritto Civile VolXX para 156 pg.422 "Non e' possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita' dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta' professionale a d'uopo che taluno abbia comesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se' medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia a al diritto tutto quanto loro appartiene."*

*Ukoll l-Archbold jishaq: "A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence."*

*Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-preveddibilita' rikjest fid-dritt penali. Dana ghaliex l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaguna hsara li hija prevedibbli bhala konsegwenza ta'l-azzjonijiet tieghu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' iwassal ghal htija*

Illi dik il-Qorti kwotat ukoll lil Lord Denning fis-sentenza Hucks vs Cole[31]

[31] Court of Appeal (UK), Transcript No. 1968/181, 4 MED LR 393

*A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations or medical treatment. A doctor was not liable for mischance or misadventure, or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or or favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practitioner in his field so much so that his conduct might be deserving of censure or inexcusable.*

Illi f'din is-sentenza Hucks vs Cole, Lord Denning irritjena wkoll li:

*So a doctor is not to be held negligent simply because something goes wrong. It is not right to invoke against him the maxim res ipsa loquitur save in an extreme case…..*

*It is therefore concluded that if the surgeon takes all necessary care and precautions as was his to take in such circumstances, then he is not criminally responsible.*

Illi stabbiliti dawn il-principji u b'applikazzjoni taghho ghal kaz in ezami, fi kliem l-Imhallef Flores, il-mistoqsija li trid tigi interposta issa hija: g*ie pruvat illi l-event kien dovut ghax l-imputat l-appelant ma uzax id-diligenza ordinarajment mistennija minn 'vir bonus' tal*-istess *katergorija fl-istess cirkustanzi*?[32]
Ikkunsidrat

[32] Op Cit Il-Pulzija vs Louis Portelli.

Illi gie stabbilit li Omissis 2 mietet minhabba li taha ta' attakk tal-qalb (*acute myocardial infarction*); u ma jirrizultax li Omissis 2 kellha xi storja ta' problemi fil-qalb. Omissis 2 kienet ilha tuza s-servizzi professjonali ta'l-imputat ghall-ahhar tlett snin qabel id-decess taghha. Hija kienet tbghati minn ansjeta tant li kienet ilha (minn qabel ma bdiet tmur ghand l-imputat bhala tabib tal-familja) tiehu kalmanti; hija kienet tiehu ukoll pilloli li jbaxxu l-pressjoni. Meta Omissis 2 marret ghand l-imputat fid-29 ta' Awissu 2016 hija lmentat minn ugiegh f'ghonqha. L-ghada hija ma baqghatx tilmenta minn dan l-ugiegh imma minn ghajja b'mod generali. Dan l-ilment kient wiehed pjuttost generiku u ghalhekk l-imputat ghamel ezami klinku dettaljat u l-unika haga li seta' jirriskontra kienet pressjoni daqsxejn baxxa (95/60). Peress illi Omissis 2 ma lmentat minn xejn aktar dak in-nhar, u peress li huwa normali li persuna li tbaghti minn ansjeta thossha ghajjiena u bla sahha, huwa naqqsielha l-pilloli tal-pressjoni u ppreskriva xi haga biex tgholli l-livelli ta'l-energija. Meta rega ssejjah l-ghada l-unici zewg sintomi godda kienu pulse rate daqsxejn mghaggla u xi ftit deni; il-pressjoni kienet ftit aktar baxxa (90/60). Peress li ma kienx hemm xi tibdil partikolari fis-sintomi l-imputat ma biddel xejn fil-kura ta' Omissis 2 pero qallha biex jekk ikun hemm xi kambjamenti jghidulu. Din kienet l-ahhar darba li l-imputat invista lil Omissis 2. L-ghada fil-ghodu Omissis 2 ikkollassat u issejjah Dr Omissis 4; dak in-nhar is-sintomi u l-kwadru kliniku kienu ferm differenti minn dawk tal-granet ta' qabel.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gie stabbilit li ghalkemm hemm sintomi li huma normalment assocjati ma attakk tal-qalb tezisti ukoll il-possibilita li persuna jaghtiha attakk tal-qalb minghajr ebda sintomu ta' xejn. Aktar minn hekk gie stabbilit li m'hemmx zmien predeterminat li fih jistaw jipprezentaw s-sintomi.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont tad-differenzi fil-kwadru kliniku li prrezenta f'kull wahda mill-granet immedjatament qabel id-decess ta' Omissis 2, tenut kont ta'l-ezami klinku dettaljat li ghamel l-imputat f'kull wahda mill-granet meta huwa invista lil Omissis 2, dejjem fid-dawl ta'l-ilmenti u s-sintomi li gie infurmat bihom, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat, fil-kura ta' Omissis 2, uza d-diligenza ordinarjament mistennija minn tabib

f’cirkostanzi simili. Il-Qorti hija tal-fehm ukoll li l-event dannuz (id-decess ta’ Omissis 2) ma kienx necessarjament prevedibbli minhabba li l-ilmenti u s-sintomi li prezentaw fil-granet meta l-imputat invista lil Omissis 2 (fid-dawl ta’ l-istorja medika tal-pazjenta) seta’ jkunu indikattivi ta’ hafna affarijiet u mhux necessarjament indikattivi ta’ attakk tal-qalb.

Illi fil-fatt il-Qorti hija konvinta li l-komportament ta’ l-imputat f’l-ezercizzju tal-professjoni tieghu mhux boss kien korrett u dak mistenni, u ma kellu l-ebda ness mad-decess ta’ Omissis 2.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

Il-Qorti qed tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem l-imputat u l-parte civile kwalunkwe mezz ta’ kommunikazzjoni u/jew stampa

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**